



**Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni**

Brussell, 10 ta' Marzu 2021

**IL-202 LAQGH TAL-BUREAU TAL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

**- 16 TA' MARZU 2021 -**

**PUNT 10 C**

**RAPPORT ANNWALI DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ 2020**

*Imressaq mis-Segretarju Ġenerali*

**GĦALL-INFORMAZZJONI**

## SOMMARJU

**Laqgħa tal-Bureau: 202**

**Data: 16/03/2021**

### Punt 10 c

#### Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà 2020

#### Tip:

- Dokument għall-informazzjoni / għad-dibattitu**
- Dokument għal deċiżjoni**
- Rakkomandazzjoni lill-Assemblea**

#### Deskrizzjoni fil-qosor:

Dan il-ħdax-il Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà jistabbilixxi l-attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (KtR) fl-2020. Ir-rapport jippreżenta l-karatteristiċi ewlenin tal-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020, jiġbor fil-qosor l-attivitajiet imwettqa bil-għan li jiġi implimentat fl-2020, kif ukoll dettalji tal-istruttura ta' governanza u l-għodod għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Huwa jiddeskrivi wkoll l-impatt tal-monitoraġġ permezz ta' eżami tal-kontenut tal-Opinjonijiet rilevanti tal-KtR fir-rigward tas-sussidjarjetà.

#### Il-Bureau huwa mistiden jiehū nota:

- tar-Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà 2020.

#### Kummenti:

**Mhux applikabbli**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-ħdax-il Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà jistabbilixxi l-attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) fl-2020. F'dik is-sena, b'konformità mal-**Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea**, li jinkludi referenza espliċita għad-dimensjoni lokali u reġjonali u b'hekk jissottolinja l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE, il-KtR wettaq monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà permezz tad-diversi strumenti tiegħu. Minkejja li l-2020 kienet imtappna mill-isfida bla preċedent tal-pandemija tal-COVID-19, il-KtR kompli l-ħidma tiegħu bħala l-gwardjan tal-interessi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE, u iżgura li l-kompetenzi tagħhom jiġu rrispettati b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Bi tweġiba għar-realtajiet tal-pandemija tal-COVID-19, il-KtR ħareġ dikjarazzjoni<sup>1</sup> li tappella għal aktar appoġġ għall-miljun politiku elett lokali u reġjonali tal-Ewropa u għal rieżami kollaborattiv tal-kompetenzi tas-saħħa b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hija enfasizzat li, anke fil-pandemija tal-coronavirus, il-miżuri relatati mal-istat ta' emerġenza kellhom ikunu proporzjonati, limitati fiż-żmien, soġġetti għal kontroll demokratiku u b'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-governanza f'diversi livelli.

Minkejja l-isfidi operattivi tal-pandemija, il-KtR kompli l-ħidma tiegħu mingħajr waqfien u stabbilixxa l-**prijoritajiet** tiegħu **għall-2020-2025** fir-Riżoluzzjoni tiegħu intitolata *Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħha*<sup>2</sup>, fejn esprima d-determinazzjoni tiegħu li “[j]kompli jtejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni tal-UE u janticiġa aħjar l-impatt territorjali tagħha u jippromovi l-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva”. Fir-Riżoluzzjoni ġie enfasizzat ukoll li: “Il-pandemija qed turi l-importanza li jiġi applikat kif imiss il-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva, kif ukoll ir-rwol essenzjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali minn naħa, u l-ħtieġa għal koordinazzjoni u appoġġ fil-livell Ewropew min-naħa l-oħra”.

Fit-12 ta' Ottubru 2020, il-KtR ippubblika l-ewwel edizzjoni tal-**Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE**<sup>3</sup>, li ffoka prinċipalment fuq l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. Ir-rapport juri li l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-UE kienu fuq quddiem nett fl-indirizzar tal-kriżi tas-saħħa u huma wkoll kruċjali għal irkupru ekonomiku li jirnexxi. Fis-sejbiet ewlenin tiegħu, huwa jappella għal involviment aħjar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-governanza tal-pjani ta' rkupru fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali. Pereżempju, ir-rapport jirrakkomanda li s-**Semestru Ewropew** – bħala l-mekkaniżmu ta' governanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – għandu jinkorpora Kodiċi ta' Kondotta għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva. Ir-rapport jitlob ukoll li l-bliet u r-reġjuni jkunu involuti mill-qrib fit-tnejn tal-pjani nazzjonali sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà tagħhom mal-istrateġiji meħtieġa ta' rkupru reġjonali u lokali. Fl-aħħar nett, bħala applikazzjoni Prattika tal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva,

<sup>1</sup> [Dikjarazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala atturi tar-rispons Ewropew għall-kriżi tal-COVID-19](#)

<sup>2</sup> [Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Il-prijoritajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-2020–2025 – Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħha](#)

<sup>3</sup> [Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE](#)

jissuġġerixxi li l-KtR u l-Kummissjoni Ewropea jorganizzaw Forum annwali dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiżguraw li l-pjan ta' rkupru jaħdem għall-bliet u r-reġjuni.

Fir-**Riżoluzzjoni** tiegħu adottata fir-rigward tal-**programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea<sup>4</sup> għall-2021**, il-KtR ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea ssegwi kooperazzjoni b'suċċess mal-KtR dwar il-promozzjoni tal-kunċett tas-“sussidjarjetà attiva”, inkluż permezz tal-inizjattiva tan-**Network ta' Ċentri Reġjonali tal-KtR għar-Revizzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Politika tal-UE (RegHub)<sup>5</sup>** u billi tappoġġja lill-KtR fl-iżvilupp tar-RegHub 2.0 biex jipprovdi feedback ibbażat fuq l-esperjenza tal-utenti fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE fil-livelli lokali u reġjonali. F'Ottubru 2020, il-KtR approva t-tkomplija ta' dan il-proġett fil-forma tar-RegHub 2.0 u laqa' membri ġodda, u b'hekk żied in-network għal 46<sup>6</sup>. Il-**pjattaforma Fit for Future** (grupp ta' livell għoli ta' esperti) li jgħin lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tissemplifika l-liġijiet tal-UE u biex tnaqqas l-ispejjeż mhux meħtieġa relatati) tinkorpora direttament ir-RegHub fl-istruttura tagħha bħala network ta' esperti flimkien mal-gruppi l-oħra, bħall-grupp tal-gvern, li fih il-KtR huwa wkoll rappreżentat minn tlieta mill-membri tiegħu. Dan jikkostitwixxi espansjoni sinifikanti tar-rwol tal-KtR lil hinn mid-dispożizzjonijiet statutorji ex post fit-Trattati u jikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva matul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu<sup>7</sup>.

Sabiex tinkiseb l-aħjar **leġiżlazzjoni** possibbli, il-KtR ifittex li jikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi stadju bikri. L-għan tal-attivitajiet tiegħu ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà fl-2020 kien li jidentifika kwalunkwe tħassib dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kmieni kemm jista' jkun fil-proċeduri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi. Il-gwida dwar liema proposti għandhom ikunu soġġetti għal skrutinju akbar fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ġiet ipprovduta mill-**Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020** bħala strument prattiku għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà implimentat mill-KtR. F'dan il-kuntest, il-KtR wettaq **valutazzjonijiet tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità** tal-proposti leġiżlattivi li dwarhom ħareġ Opinjonijiet<sup>8</sup>.

Dan il-ħdax-il **Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà** jippreżenta l-karatteristiċi ewlenin tal-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020 u jagħti dettalji dwar l-istruttura ta' governanza u l-għodod għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Huwa jiddeskrivi wkoll l-impatt tal-monitoraġġ permezz ta' eżami tal-kontenut tal-Opinjonijiet rilevanti tal-KtR dwar is-sussidjarjetà.

It-taqsimiet finali huma ddedikati għall-aktar attivitajiet u avvenimenti importanti tas-sena fil-qasam tas-sussidjarjetà, kif ukoll il-konklużjonijiet u l-prospettiva għas-sena ta' wara.

---

4 [Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – il-proposti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fid-dawl tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021](#)

5 In-Network ta' Ċentri Reġjonali għar-Revizzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Politika tal-UE (RegHub) oriġina mir-rapport finali u mir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li “Isir inqas b'mod iktar effiċjenti”.

6 [new-reghub-2-0-members.pdf \(europa.eu\)](#)

7 Ara [RegHub\\_evaluation\\_report.pdf \(europa.eu\)](#)

8 Artikolu 55(2) tar-[Regoli ta' Proċedura tal-KtR](#), [ĠU L 65, 5.3.2014, p. 41](#)

## 2. Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020

### 2.1 Adozzjoni

Skont l-Istrateġija għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà<sup>9</sup>, tfassal Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà għall-2020 permezz ta' proċedura li tinkludi diversi stadji. L-ewwel pass kien li ssir preselezzjoni inizjali tal-inizjattivi leġiżlattivi mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2020 mill-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà<sup>10</sup> u l-presidenti tal-kummissjonijiet tal-KtR, abbażi tal-kriterji segwenti u l-informazzjoni disponibbli f'dak l-istadju:

- a) l-inizjattivi għandhom jippreżentaw interess politiku ċar għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- b) l-inizjattivi għandhom jirreferu għall-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- c) l-inizjattivi għandu jkollhom il-potenzjal ta' dimensjoni ta' sussidjarjetà;
- d) għandha tingħata preferenza lill-proposti leġiżlattivi. Din is-selezzjoni tqis ukoll il-prijoritajiet u l-inizjattivi tal-KtR inklużi fil-programmi ta' ħidma tal-kummissjonijiet tematiċi.

It-tieni pass kien jinvolvi l-approvazzjoni mill-Grupp ta' Tmexxija tas-Sussidjarjetà matul it-13-il laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' April 2020, u l-preżentazzjoni tal-abbozz ta' Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà fil-laqgħa tal-Kummissjoni CIVEX fil-25 ta' Ġunju 2020. Il-programm ġie adottat mill-Bureau tal-KtR fil-11 ta' Settembru 2020.

Il-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà huwa bbażat fuq lista ta' prijorità abbozzata wara preselezzjoni ta' inizjattivi leġiżlattivi (u mhux leġiżlattivi) inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2020. **Ġew identifikati l-ħames inizjattivi prijoritarji** li ġejjin, **kif ukoll tliet dossiers addizzjonali rilevanti** għall-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020.

#### **Inizjattivi prijoritarji<sup>11</sup>**

- 1) Servizzi diġitali;
- 2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- 3) Ħarsien tal-ambjent tagħna;
- 4) Ewropa Soċjali;
- 5) Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

#### **Inizjattivi rilevanti addizzjonali<sup>12</sup>**

- 1) Il-kontribut tal-Kummissjoni għall-COP26 fi Glasgow – Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030;
- 2) Produzzjoni u konsum sostenibbli – Nagħtu s-setgħa lill-konsumatur għat-tranżizzjoni ekoloġika;
- 3) Strateġija Ewropea għad-Data.

<sup>9</sup> R/CdR 606/2012 punt 7a), adottat fit-2 ta' Mejju 2012.

<sup>10</sup> Il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà saret fit-8 ta' April 2020.

<sup>11</sup> Id-deskrizzjonijiet tal-inizjattivi prijoritarji huma meħuda mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 2020.

<sup>12</sup> Id-deskrizzjonijiet tal-inizjattivi rilevanti addizzjonali huma meħuda mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 2020.

## 2.2 Implimentazzjoni

Fl-ambitu tal-Programm ta' Hídma dwar is-Sussidjarjetà, l-amministrazzjoni tal-KtR stabbiliet sistema ta' identifikazzjoni interna bikrija biex tiżgura monitoraġġ adatt tal-inizjattivi magħżula tal-UE li jistgħu jqajmu tħassib dwar is-sussidjarjetà. L-implimentazzjoni tal-Programm ta' Hídma dwar is-Sussidjarjetà tirrikjedi l-involviment tal-partijiet interessati politiċi u amministrattivi rilevanti kollha u fl-aktar stadju bikri possibbli, bil-għan li jiġu identifikati u pplanati attivitajiet ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Hawn taħt jidhru l-inizjattivi prijoritarji inklużi fil-Programm ta' Hídma dwar is-Sussidjarjetà 2020, kif adottati mill-Bureau tal-KtR.

Mil-lat tal-inizjattivi prijoritarji, dan li ġej jipprovdi ħarsa ġenerali tal-istat ta' implimentazzjoni tal-Programm ta' Hídma dwar is-Sussidjarjetà 2020. Barra minn hekk, permezz tal-analiżi preliminari tiegħu tal-Opinjoni li għandhom jitressqu għall-adozzjoni fis-sessjoni plenarja tal-KtR, is-segretarjat tas-CIVEX tal-KtR jiżgura l-applikazzjoni tal-Artikolu 55(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-KtR, li skontu: "L-opinjoni tal-Kumitat dwar proposti għal atti leġislattivi f'oqsma li ma humiex fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għandhom jesprimu fehma dwar il-konformità tal-proposta mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità."

### 2.2.1 Servizzi diġitali

Din l-inizjattiva hija marbuta mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (leġislattiv, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt, l-Artikolu 114 TFUE, Trimestru 4 2020). Din il-proposta leġislattiva hija mistennija taġġorna l-qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi online, inkluż għall-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva. Wara l-iżvilupp rapidu tagħhom f'dawn l-aħħar snin, dawn il-pjattaformi (b'mod partikolari fis-setturi tal-akkomodazzjoni u tat-trasport) kellhom impatt sinifikanti ħafna fil-livell lokali u reġjonali. Hemm inċertezza legali dwar l-attivitajiet tagħhom u diversi bliet nedew proċedimenti legali jew appellaw għal bidliet regolatorji.

Fl-aktar [Opinjoni](#) reċenti tiegħu dwar dan is-suġġett f'Diċembru 2019, il-KtR talab li l-qafas regolatorju Ewropew il-ġdid "jagħraf din id-dimensjoni territorjali u jsaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi biex jieħdu azzjoni biex jirregolaw l-ekonomija kollaborattiva skont is-sitwazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà".

L-[Att dwar is-Servizzi Diġitali](#) (Proposta għal Regolament dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali) ġie ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea fil-15 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, kien tard wisq biex jiġi indirizzat fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Hídma dwar is-Sussidjarjetà fl-2020 u l-valutazzjoni tiegħu kellha titressaq 'il quddiem għall-2021. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ECON ħatret lis-Sinjura Rodi Kratsa (EL/PPE), Gvernatur tar-Reġjun tal-Gżejjer Jonji, bħala relatur għall-Opinjoni dwar L-Att dwar is-Servizzi Diġitali<sup>13</sup> u l-Att dwar is-Swieq Diġitali<sup>14</sup>. Id-diskussjoni u l-adozzjoni ta'

---

<sup>13</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE COM(2020) 825 final.

din l-Opinjoni huma skedati għad-19 u l-20 ta' April 2021 (Kummissjoni ECON) u mit-30 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju 2021 (Plenarja tal-KtR).

## 2.2.2 Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

Tliet strumenti ssemmev taħt din il-prijorità fil-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà fl-2020, kif spjegat hawn taħt. Għandu jiġi nnutat li l-Opinjoni leġiżlattiva taħt il-punt 2 hawn taħt għaddiet minn proċedura ta' adozzjoni aċċelerata u l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020 seħħet biss aktar tard fis-sena.

### 2.2.2.1 [Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew](#)

Wara li kkunsidra t-tħabbira tal-President eletta tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, ta' Patt Ekoloġiku Ewropew f'Unjoni li tirsisti għal aktar – L-aġenda tiegħi għall-Ewropa, il-KtR adotta Riżoluzzjoni intitolata [Il-Patt Ekoloġiku fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali](#) (4.12.2019) li tappella biex *jinkisbu riżultati tanġibbli fil-prattika bl-użu tal-governanza f'diversi livelli u s-sussidjarjetà attiva*.

### 2.2.2.2 [Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima: jiġi stabbilit il-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika](#)

(COM(2020) 80 final), Fit-2 ta' Lulju 2020, il-KtR adotta [Opinjoni](#) dwar din il-proposta leġiżlattiva żviluppata mir-relatur Juan Manuel Moreno Bonilla (ES/PPE), li tenfasizza li “l-miżuri kollha tal-UE jaderixxu mal-prinċipju ta' 'tagħmilx ħsara' u, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiv, jirrispettaw bis-sħiħ il-livelli kollha ta' gvern bħala msieħba fil-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u mhux bħala partijiet interessati”. L-Opinjoni stabbilixxiet il-pedament għall-approċċ tal-KtR għall-Patt Ekoloġiku, u ddeskriviet il-pożizzjoni istituzzjonali tagħna dwar il-miri klimatiċi tal-2030 u l-2050. L-Opinjoni ġiet kondiviża u diskussa wkoll mar-rapporteur tal-PE, Jytte Guteland, u punti minnha ġew inklużi fil-proposta emendata tal-PE dwar il-Liġi dwar il-Klima, adottata fil-Plenarja tiegħu f'Settembru 2020. L-Opinjoni ġiet kondiviża wkoll mal-Kumitat REGI tal-PE, u huwa ġust li jingħad li l-Kumitat REGI qed jieħu nota dejjem aktar tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-emendi tiegħu.

Il-kontributi mill-imsieħba tan-**Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà** relatati mal-aspetti tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-Komunikazzjoni COM (2020) 80 final waslu mill-[Kunsill Federali Awstrijak \(Bundesrat\)](#) u mill-[Gvern tal-Istat tal-Awstrija t'Isfel](#).

2.2.2.3 [Il-Patt Klimatiku Ewropew](#) – Fl-14 ta' Ottubru 2020, ġiet adottata Opinjoni ta' prospettiva żviluppata mir-relatur Rafał Kazimierz Trzaskowski (PL/PPE) li enfazzat li l-Patt Klimatiku huwa opportunità kbira biex jiġi implimentat il-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva, peress li l-oġettivi proprji tal-Patt jikkoinċidu ħafna mal-għan ewlieni tal-approċċ ta' sussidjarjetà attiva – l-iżvilupp ta' mod inklużiv u kostruttiv ta' ħidma li juża bis-sħiħ il-potenzjal tal-qafas f'diversi livelli – demokratiku u ta' governanza – tal-Unjoni;

---

14 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) COM(2020) 842 final.

Għalkemm ma ġietx inkluża taħt l-istrumenti fil-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020, jeħtieġ li f'dan ir-rigward tiġi inkluża l-Opinjoni [L-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-reġjuni: valutazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew](#) ta' by Andries Gryffroy (BE/AE), li kienet ir-riżultat ta' talba għal konsultazzjoni mill-Presidenza Ġermaniża, u ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2020. Din l-Opinjoni ttiprovdi valutazzjoni ġenerali tal-Patt Ekoloġiku mill-perspettiva reġjonali/lokali u tenfasizza l-importanza tal-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tal-governanza f'diversi livelli għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku kollu kemm hu. Jenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-twertiq tal-Patt Ekoloġiku, iżda jenfasizza li dan jista' jintlaħaq biss billi jiġu ggarantiti proċessi miftuħa u konsultattivi fil-livelli kollha tal-gvernijiet, u billi l-livell lokali u reġjonali jitħalla jixpruna rkupru ekoloġiku permezz ta' għodod adatti, bħal Pjattaformi f'Diversi Livelli u djalogi li jippermettu l-parteċipazzjoni strutturata tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali, inklużi pjani għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-Opinjoni tikkonkludil li: “sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt Ekoloġiku, jridu jiġu determinati sforzi f'konformità ma' approċċ minn isfel għal fuq u li dawn jiġu kondiviżi b'mod ġust bejn it-territorji tal-UE f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, filwaqt li jkun hemm il-flessibbiltà neċessarja sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività tagħhom.” Barra minn hekk, wara l-kooperazzjoni tajba mar-rapporteur tal-Kumitat ENVI tal-PE, Susana Solís, dwar l-Opinjoni “Il-politika ta' koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima”, li tikkontribwixxi għal mozzjoni għal riżoluzzjoni mill-Kumitat REGI (li għandha ssir votazzjoni dwarha fis-17 ta' Diċembru), ċerti elementi tal-Opinjoni li jenfasizzaw l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ġew inkorporati f'dil-mozzjoni, inklużi l-governanza f'diversi livelli u sistema ta' monitoraġġ.

### 2.3 Ħarsien tal-ambjent tagħna

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (COM(2020) 652), it-[8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali](#) ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea fit-14 ta' Ottubru 2020.

Il-Kummissjoni ENVE ħatret lil Dimitrios Karnavos (EL/PPE) bħala r-relatur. L-abbozzar tal-Opinjoni sar fid-dawl ta' **konsultazzjoni** tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà<sup>15</sup>. Valutazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ta' din il-proposta kkonkludiet li l-Proposta għal Deċiżjoni dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 ma tistax tiġi eżaminata bis-serjetà fir-rigward tal-konformità mat-tliet prinċipji bażiċi tal-“għoti limitat tal-kompetenzi”, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Ir-riżoluzzjoni proposta hija lista u sommarju ta' ideat, viżjonijiet u proġetti politiċi għall-oqsma kollha ta' politika li huma b'xi mod relatati mal-ambjent. Il-valutazzjoni sabet ukoll li l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà ma tistax tiġi vverifikata serjament minħabba “l-indeterminatezza” tal-“objettivi prijoritarji” definiti u f'xi każijiet estenzi b'mod sinifikanti f'termini ta' kontenut meta mqabbel ma' programmi preċedenti għall-azzjoni tal-politika ambjentali u klimatika tal-

<sup>15</sup> Valutazzjoni ta' Dr Johannes Maier, Kap tal-Unità għall-Affarijiet Interni tal-UE, Uffiċċju tal-Gvern Reġjonali tal-Land ta' Kärnten, l-Awstrija.



UE u kontroreferenzi għall-acquis ambjentali futur. Jekk is-sistema ta' rappurtar ibbażata fuq mijiet ta' indikaturi għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ambjentali u klimatika titwettaq biss fuq atti legali eżistenti, tal-inqas ma tkun mistennija l-ebda spiża sproporzjonata. Id-“deċiżjoni” tkun kompatibbli mal-prinċipju tal-proporzjonalità, tal-inqas fir-rigward tal-aspett tal-ispiża<sup>16</sup>.

Din l-Opinjoni hija skedata għall-adozzjoni fis-sessjoni plenarja tal-KtR tal-5 ta' Frar 2021<sup>17</sup>.

---

16 Ibid.

17 Fil-mument tal-abbozzar ta' dan ir-rapport.

## 2.4 Ewropa Soċjali

Fir-rigward tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar [Pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea](#) (COM(2020) 682 final), il-Kummissjoni SEDEC tal-KtR ħatret lil Peter Kaiser (AT/PSE) bħala r-relatur inkarigat mit-tfassil ta' Opinjoni.

Fid-dawl tal-kronoloġija ppjanatagħall-adozzjoni, is-segretarjat tas-CIVEX **ikkonsulta** lill-**Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà** għal valutazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Valutazzjoni sabet li<sup>18</sup> din il-proposta – kif rarament jigrri – ma għandhiex bażi legali fit-trattati tal-UE. Anke jekk hemm bażi – forsi bis-saħħa tal-Artikolu 153(1)(c) tat-TFUE (Sigurtà Soċjali u Protezzjoni Soċjali tal-Ħaddiema) – hemm ukoll tħassib kbir dwar il-prinċipju tas-sussidjarjetà (għajr għal ftit eċċezzjonijiet, l-Istati Membri għandhom sistemi li jiffunzjonaw biex jiggerantixxu “protezzjoni tal-paga minima”). Bl-istess mod, il-kunċett tal-att legali propost fl-Artikolu 5 et al jikser b'mod massiv il-proporzjonalità. L-istipulazzjoni legali tal-UE tal-kriterji speċifikament imsemmija u l-esklużjoni tal-eċċezzjonijiet tillimita kwalunkwe awtonomija biex jiġu stabbiliti pagi minimi kemm tal-leġiżlaturi nazzjonali kif ukoll tal-imsieħba soċjali.

Wasal kontribut mill-imsieħba tan-**Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà** relatat mal-aspetti tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-COM (2020) 80 final mill-[Parlament tal-Istat tal-Awstrija ta' Fuq](#).

Kemm il-valutazzjoni esperta kif ukoll il-pożizzjoni tal-imsieħeb tan-**Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà** ġew ikkunsidrati mir-relatur fil-proċess tat-tfassil tal-Opinjoni.

## 2.5 Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-[Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#), li ilu tant mistenni. Skont il-[Komunikazzjoni](#) tal-Kummissjoni, il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil fih il-**fajls leġiżlattivi ġodda** li ġejjin:

- [Ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni](#)
- [Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar](#)
- [Ir-Regolament dwar Kriżi u Forza Maġġuri](#);
- Proposta emendata li tirrevedi [r-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil](#);
- Proposta emendata li tirrevedi [r-Regolament Eurodac](#).

Il-Patt jinkludi wkoll **l-fajls mhux leġiżlattivi ġodda** li ġejjin:

- [Rakkomandazzjoni dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u Pjan Dettaljat għall-Kriżijiet](#);
- [Rakkomandazzjoni dwar ir-Risistemazzjoni u Mogħdijiet Komplementari](#);
- [Rakkomandazzjoni dwar Operazzjonijiet ta' Tiftix u Salvataġġ minn Bastimenti Privati](#);
- [Gwida dwar id-Direttiva tal-Faċilitaturi](#).

---

<sup>18</sup> Valutazzjoni ta' Dr Johannes Maier, Kap tal-Unità għall-Affarijiet Interni tal-UE, Uffiċċju tal-Gvern Reġjonali tal-Land ta' Kärnten, l-Awstrija.

Il-Kummissjoni CIVEX ħatret lil **Antje Grotheer (DE/PSE)** bħala r-relatur tal-KtR għal din l-Opinjoni. L-ewwel skambju ta' fehmiet sar fil-Kummissjoni CIVEX fl-4 ta' Diċembru 2020 u l-Opinjoni hija skedata għall-adozzjoni fil-Kummissjoni CIVEX fis-16 ta' Frar 2021 u fil-Plenarja tal-KtR fid-17 ta' Marzu 2021<sup>19</sup>.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva, saru għadd ta' laqgħat interistituzzjonali mal-kontropartijiet tal-Kummissjoni Ewropea, mal-MEPs u mar-rappreżentanti tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill biex isir skambju ta' fehmiet u tiġi enfasizzata l-importanza tad-dimensjoni lokali u reġjonali fil-kuntest tal-Patt il-Ġdid sabiex il-proċess leġiżlattiv ikollu impatt ex ante.

L-abbozzar tal-Opinjoni SAR fid-dawl ta' **konsultazzjoni** mal-membri tal-**Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà** li wasslet għal żewġ valutazzjonijiet. L-ewwel waħda ddikjarat li filwaqt li ma kien hemm l-ebda tħassib dwar il-konformità mal-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi jew tas-sussidjarjetà, kien hemm tħassib dwar il-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, speċifikament fir-rigward tal-obbligu ppjanat għall-Istati Membri li jkollhom strateġiji nazzjonali fis-seħħ biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni<sup>20</sup>. It-tieni valutazzjoni<sup>21</sup> kkonfermat li r-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa ġġustifikat sew fid-diversi dokumenti li jakkumpanjaw il-proposta u fil-memorandum ta' spjegazzjoni, kif ukoll fil-premessi. L-għan huwa li jiġu żviluppati regoli u miżuri komuni, li jistgħu jiffasslu u jiġu stabbiliti biss fil-livell tal-UE, sabiex jiġu żgurati trattamenti u distribuzzjoni uniformi tar-responsabbiltajiet fl-istadju leġiżlattiv. Dawn il-miżuri, jekk jiġu adottati mill-Istati Membri individwalment, joħlqu diskrepanzi li jimpedixxu li jintlaħqu l-għanijiet tal-politiki komuni.

Il-kontributi mill-imsieħba tan-**Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà** relatati mal-aspetti tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-Komunikazzjoni COM(2020) 609 final waslu mill-[Gvern Reġjonali ta' Vorarlberg](#), mill-[Parlament Reġjonali ta' Vorarlberg](#) u mill-[Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel](#)<sup>22</sup>. Il-Gvern Reġjonali ta' Vorarlberg ipprova wkoll lill-KtR b'pożizzjoni komuni tal-Laender Awstrijaċi dwar il-proposti dwar il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil abbażi tal-mudell ta' grilja<sup>23</sup> *ppreżentat mit-Task Force dwar is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u dwar li li "isir inqas b'mod aktar effiċjenti"* bħala parti mir-**Rapport tiegħu dwar it-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir Anqas b'Mod Aktar Effiċjenti"**<sup>24</sup>.

Kemm il-valutazzjonijiet tal-esperti kif ukoll il-pożizzjonijiet tal-imsieħba tan-**Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà** ġew ikkunsidrati mir-relatur fil-proċess tat-tfassil tal-Opinjoni.

---

19 Fil-mument tal-abbozzar ta' dan ir-rapport.

20 Valutazzjoni ta' Dr Johannes Maier, Kap tal-Unià għall-Affarijiet Interni tal-UE, Uffiċċju tal-Gvern Reġjonali tal-Land ta' Kärnten, l-Awstrija, bid-data tat-3 ta' Diċembru 2020.

21 Valutazzjoni ta' Dora Lo Giudice, esperta għall-Kunsill Reġjonali tal-Friuli-Venezia Giulia, l-Italja, bid-data tat-22 ta' Diċembru 2020.

22 7 ta' Jannar 2021.

23 [COM\(2018\) 703 final](#)

24 Anness V, [Report-task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently\\_en.pdf \(europa.eu\)](#)



## Konsultazzjonijiet addizzjonali tal-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà

Fit-22 ta' Ġunju 2020, waslet valutazzjoni fuq inizjattiva proprja tas-sussidjarjetà tal-proposta għal Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (COM(2020) 408) mingħand Dr Johannes Maier, Kap tal-Unità għall-Affarijiet Interni tal-UE, Uffiċċju tal-Gvern Reġjonali tal-Land ta' Kärnten, l-Awstrija.

### 2.5.1 Inizjattivi addizzjonali

L-ebda dossier addizzjonali ma ntgħażel biex jissostitwixxi waħda jew aktar mill-inizjattivi prijoritarji jekk dawn ma twettqux, ma avvanzawx biżżejjed fl-2020 jew ma tqisux rilevanti biżżejjed meta ġew analizzati aktar bir-reqqa.

## 3. Governanza politika u għodod tal-KtR għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà

### 3.1 Grupp ta' Tmexxija tas-Sussidjarjetà

Il-Grupp ta' Tmexxija tas-Sussidjarjetà ġie stabbilit f'Settembru 2012 biex jipprovdi governanza politika għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà fil-KtR u biex jiżgura l-koordinazzjoni bejn l-attivitajiet amministrattivi u ta' politika tal-KtR dwar kwistjonijiet ta' sussidjarjetà. Huwa kompla jidderieġi l-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà mill-bogħod fl-2020, minħabba r-realtajiet u d-diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19 (jiġifieri l-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020 ġie adottat permezz ta' proċedura bil-miktub peress li ma kienx possibbli li l-membri tal-Grupp ta' Tmexxija tas-Sussidjarjetà jiltaqgħu). Filwaqt li l-2019 kienet deċiżiva biex jiġi żgurat li l-progress li sar fis-sena preċedenti ma jintilifx (inkluż fid-dawl tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea ġodda), l-2020 kienet ikkaratterizzata minn bidu kajman rigward ħidma fuq il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità minħabba l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19. Id-dewmien ġie rkuprat fit-tieni nofs tas-sena.

### 3.2 Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà

Taħt l-istrategġija riveduta tas-sussidjarjetà, il-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà twaqqaf biex jipprovdi appoġġ għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà ibbażat fuq għarfien espert mil-livell lokali u reġjonali. Il-membri tal-grupp intgħażlu mill-membri tan-Netzwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà għall-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.

It-tnejn tal-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà tal-KtR, wieħed mill-aktar kontributi importanti tal-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà, issir fil-bidu taċ-ċiklu tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. L-involvement tal-esperti jiżgura li l-inizjattivi li huma partikolarment rilevanti mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u li huma ta' interess għall-awtoritajiet reġjonali u lokali jintgħażlu għall-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà tal-KtR sabiex ikunu soġġetti għal monitoraġġ bir-reqqa tas-sussidjarjetà. Il-kontribut tal-esperti għall-attivitajiet konsultattivi tal-KtR joħloq rabta mad-dibattitu dwar is-sussidjarjetà fl-Istati Membri, isaħħaħ il-fehim reċiproku u jqarreb lill-KtR lejn l-imsieħba lokali u reġjonali tiegħu u b'hekk għall-ħtiġijiet tal-Ewropej. Fil-fatt, il-Grupp ta' Esperti jservi wkoll bħala network tal-punti ta' kuntatt "ċentrali" tal-KtR għas-sussidjarjetà fl-Istati Membri. Il-parteċipazzjoni attiva tal-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà għalhekk tgħin biex tinħoloq "kultura ta' sussidjarjetà" fl-Ewropa.

Fl-2020, wara l-pubblikazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 2020, l-esperti ntabu **juwettqu preselezzjoni relatata mas-sussidjarjetà/mal-proporzjonalità ta' ħames inizjattivi minn dal-programm ta' ħidma 2020**. Il-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà ffoka l-analiżi tiegħu fuq fajls li jippreżentaw tħassib potenzjali dwar is-sussidjarjetà/proporzjonalità u żied ġustifikazzjoni għall-għażla tiegħu. Il-preselezzjoni tal-inizjattivi kienet segwita minn **laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà biex jiġu diskussi l-inizjattivi magħżula** u biex jintlaħaq qbil dwar l-inizjattiva ta' prijorità li għandha tiġi inkluża fil-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020, kif deskritt fid-dettall hawn fuq.

Il-konsultazzjonijiet speċifiċi tal-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà relatati mal-inizjattivi prijoritarji fil-Programm ta' Ħidma dwar is-Sussidjarjetà 2020 huma deskritti f'dan ir-rapport taħt il-prijorità rilevanti ta' hawn fuq.

### 3.3 Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà

In-[Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà](#) tnieda mill-KtR fl-2007 sabiex jippermetti lill-imsieħba tiegħu jinvolvu ruħhom f'diversi stadji tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Din hija funzjoni importanti fid-dawl tat-Trattat ta' Lisbona, li jissottolinja d-dimensjoni lokali u reġjonali tas-sussidjarjetà u jsaħħaħ ir-rwol tal-KtR fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.

Il-kompożizzjoni tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà<sup>25</sup> nbidlet fl-2020 bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, u l-għadd totali ta' membri kien ta' 150<sup>26</sup> fi tmiem l-2020. REGPEX, is-sottonetwork tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà maħsub biex jappoġġa l-parteciċipazzjoni tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi fil-fażi bikrija tal-proċedura leġiżlattiva tal-UE (is-Sistema ta' Twissija Bikrija. Barra minn hekk), kellha 76 membru fl-aħħar tas-sena.

Fl-2020, REGPEX<sup>27</sup>, is-sottonetwork tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà miftuħ għall-parlamenti u l-gvernijiet tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi, irċieva total ta' 18-il kontribut dwar il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li ġejjin:

**Tabella 1 – Kontributi rċevuti minn REGPEX fl-2020**

MSIEĦEB TAR-REGPEX	KOMUNIKAZZJONI	SENA	DATA
Parlament tal-Land ta' Baden-Württemberg	640	2019	06-02-2020
Parlament tal-Land ta' Baden-Württemberg	640	2019	06-02-2020
Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel	80	2020	27-04-2020
Kunsill Federali Awstrijak (Bundesrat)	80	2020	06-05-2020
Kunsill Federali Awstrijak (Bundesrat)	80	2020	06-05-2020

<sup>25</sup> In-Network, li tnieda f'April 2007, twaqqaf biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-livell tal-UE dwar diversi dokumenti u proposti leġiżlattivi u politiċi mill-Kummissjoni Ewropea. In-network iservi bħala punt ta' aċċess li jippermetti lill-imsieħba kollha tiegħu mhux biss jiksbu l-informazzjoni, iżda wkoll jesprimu l-fehmiet tagħhom.

<sup>26</sup> [KtR – L-imsieħba tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà \(europa.eu\)](#)

<sup>27</sup> Il-[bażi tad-data tar-REGPEX \(REGional Parliaments information EXchange\)](#) tista' tiġi aċċessata mill-paġna web tas-Sussidjarjetà tal-KtR u hija mfassla biex tgħin lir-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi jieħdu sehem fis-Sistema ta' Twissija Bikrija. Din tnediet mill-KtR fl-2012.

Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel	381	2020	20-05-2020
Assemblea Reġjonali tal-Friuli-Venezia Giulia	440	2020	23-06-2020
Assemblea Reġjonali tal-Friuli-Venezia Giulia	440	2020	23-06-2020
Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel	80	2020	26-06-2020
Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel	220	2020	30-06-2020
Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel	381	2020	14-07-2020
Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel	299	2020	19-10-2020
Assemblea Leġiżlattiva Reġjonali tal-Emilia Romagna	440	2020	28-10-2020
Parlament Reġjonali tal-Awstrija ta' Fuq	682	2020	28-10-2020
Kunsill Federali Awstrijak (Bundesrat)	299	2020	04-11-2020
Gvern Reġjonali tal-Awstrija t'Isfel	563	2020	13-11-2020
Gvern Reġjonali ta' Vorarlberg	609	2020	20-11-2020
Parlament Reġjonali ta' Vorarlberg	609	2020	09-12-2020

Id-dettalji ta' dawn il-kontributi, u l-proposti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw, huma disponibbli fis-sit web tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà tal-KtR<sup>28</sup>.

Il-magna tat-tiftix tar-REGPEX tiffaċilita l-għażla tal-prijoritajiet għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-imsieħba billi tipprovdi aċċess dirett għall-informazzjoni għal valutazzjoni tas-sussidjarjetà u links għall-EUR-Lex, l-IPEX, l-Opinjoni tal-KtR u kontributi minn imsieħba oħrajn tar-REGPEX. Il-magna tat-tiftix għandha rwol kruċjali fil-monitoraġġ ta' inizjattivi fl-ambitu tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u trawwem l-iskambju ta' prattika tajba u approċċ aktar ikkoordinat għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Bi thejjiġa għall-2021, il-KtR huwa ddeterminat li jissokta bl-isforzi tiegħu biex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tal-imsieħba tan-network f'konsultazzjonijiet u attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà.

#### 4. Is-sussidjarjetà fl-Opinjoni tal-KtR

Skont l-Artikolu 55(2) tar-Regoli ta' Proċedura<sup>29</sup> tiegħu, fl-Opinjoni tal-KtR jivvaluta l-konformità tal-proposti leġiżlattivi dwar kompetenzi kondiviżi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Fl-2020, il-KtR adotta 48 **Opinjoni**, li minnhom tmienja kienu relatati ma' proposti leġiżlattivi. It-tmienja kollha kellhom jew valutazzjoni diretta tal-konformità mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità jew rakkomandazzjonijiet konkreti biex titjeb il-konformità ma' dawn il-prinċipji. B'mod ġenerali, 18-il Opinjonijiet indirizzaw il-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Mil-lat tal-appoġġ għall-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-livell amministrattiv, is-segretarjat tas-sussidjarjetà pprovda appoġġ amministrattiv billi wettaq analiżijiet ta' Opinjonijiet li tressqu quddiem is-sessjonijiet plenarji tal-KtR.

Għalkemm il-biċċa l-bira tal-inizjattivi ma kinux leġiżlattivi, il-KtR żamm l-impenn tiegħu li jimplementa l-approċċ tas-"sussidjarjetà attiva" matul l-2020. Ħafna Opinjonijiet dwar proposti mhux

<sup>28</sup> [KtR – REGPEX \(europa.eu\)](#) Mil-lat ta' titjeb tekniku, il-kontributi fuq il-pjattaforma tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà issa jinkludu links għall-Ipex, il-EUR-Lex, il-ħidma tal-Parlament Ewropew u l-Opinjoni tal-KtR.

<sup>29</sup> Artikolu 55(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-KtR, [ĠU L 65, 5.3.2014, p. 41](#)

leġislativi inkludew kemm valutazzjoni tas-sussidjarjetà kif ukoll tal-proporzjonalità fil-qasam tal-politika rilevanti, u rakkomandazzjonijiet kostruttivi biex jiġu ttrattati kwistjonijiet potenzjali.

Biex insemmu xi eżempji, l-Opinjoni tal-KtR dwar il-proposta leġislattiva [Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima: jiġi stabbilit il-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika](#), żviluppata mir-relatur Juan Manuel Moreno Bonilla (ES/PPE), enfasizzat li “l-miżuri kollha tal-UE jaderixxu mal-prinċipju ta’ ‘tagħmilx ħsara’ u, f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà attiv, jirrispettaw bis-sħiħ il-livelli kollha ta’ gvern bħala msieħba fil-proċess Ewropew tat-tehdid tad-deċiżjonijiet, u mhux bħala partijiet interessati”.

Bl-istess mod, l-Opinjoni tal-KtR dwar [Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili msaħħa](#) (relatur: Alberto Cirio (IT/PPE)) ittenu “t-talba tiegħu għal tisħiħ sinifikanti tal-kapaċitajiet ta’ reazzjoni għall-emerġenzi u d-diżastri tal-UE, bl-involvement ta’ strutturi ta’ rispons ta’ emerġenza nazzjonali, lokali u reġjonali u b’rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà skont l-Artikolu 196 tat-TFUE” u “[t]irreferi għall-impenn tiegħu, espress fir-riżoluzzjoni dwar il-prijoritajiet 2020-2025 tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, biex tiġi promossa azzjoni tal-UE kkoordinata u appoġġ għal strutturi nazzjonali, reġjonali u lokali ta’ tħejjija għad-diżastri bħala rispons għal theddid għas-saħħa u sitwazzjonijiet ta’ kriżi f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà”.

Eżempju ieħor ta’ valutazzjoni indiretta tal-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà jista’ jidher fl-Opinjoni [Pjan ta’ rkupru għall-Ewropa li jindirizza l-pandemija tal-COVID-19: Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u Strument ta’ Appoġġ Tekniku](#) (relatur: Christophe Rouillon (FR/PSE)), li titlob b’mod speċifiku li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi kkunsidrat kif imiss kif ġej: “F’konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tas-sħubija, il-pjan għall-irkupru għandu jiġi stabbilit f’kooperazzjoni mill-qrib u b’mod strutturat mal-awtoritajiet lokali u reġjonali peress li, kif definit fid-dritt nazzjonali, ir-riformi u l-investimenti li għandhom jiġu sostnuti huma fil-kompetenzi tagħhom”.

## 5. Avvenimenti u attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà

### 5.1 Pjattaforma Fit4 Futura (F4F)

L-ewwel laqgħa plenarja tal-[Pjattaforma Fit for Future \(F4F\)](#), ippreseduta mill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva Maroš Šefčovič, saret ma’ tliet membri tal-KtR, Mark Speich (DE/PPE), Anne Karjalainen (FI/PSE) u Ulrika Landergren (SE/Renew Europe), fis-26 ta’ Novembru 2020. Il-pjattaforma F4F hija l-istrument ewlieni tal-[Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar](#) tal-Kummissjoni Ewropea, li għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi bla bżonn għaċ-ċittadini u n-negozji, u tgħin biex tiżgura li l-leġislazzjoni tal-UE tibqa’ valida fil-futur, tkun aktar diġitali u tkun f’pożizzjoni aħjar biex tindirizza l-isfidi futuri. Il-livell lokali u reġjonali tal-gvern, li huwa l-eqreb għaċ-ċittadini, huwa rrappreżentat fil-laqgħat tal-pjattaforma F4F fil-fażijiet bikrija tal-abbozzar u l-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE. Fil-fatt, din hija waħda mill-kisbiet tal-ħidma tal-KtR fit-[Task Force dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità](#). Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni huwa preżenti fil-grupp tal-gvern tal-pjattaforma F4F permezz ta’ tlieta mis-sitt presidenti tal-kummissjonijiet tal-KtR tiegħu (kif jissemmew hawn fuq), flimkien ma’ 27 rappreżentant tal-gvern mill-Istati Membri tal-UE.



Kif enfasizzat minn Mark Speich (DE/PPE), President tal-Kummissjoni CIVEX tal-KtR, fl-ewwel laqgħa plenarja tal-F4F, il-ħtieġa li jiġi involuti il-livell lokali u reġjonali fit-tfassil tal-politika tal-UE ġiet rikonossuta mit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà. Bħala membru tal-Pjattaforma REFIT preċedenti u l-Pjattaforma F4F il-ġdida, il-KtR talab b'mod konsistenti li jittieħed approċċ attiv għas-sussidjarjetà bħala mod biex jiġi żgurat li jkun hemm valur miżjud adegwat tal-UE fl-istadji kollha tal-iżvilupp, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Is-Sur Speich enfasizza li s-sussidjarjetà mhijiex dwar inqas Ewropa, iżda Ewropa li tagħti riżultati u tqiegħed liċ-ċittadini l-ewwel. Billi jittieħdu deċiżjonijiet kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini tagħha u billi r-reġjuni u l-bliet jingħataw vuċi aktar b'saħħitha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, il-liġijiet tagħha jistgħu jsiru aktar effettivi u viżibbli.

Il-Pjattaforma hija mistennija li taħdem fuq il-bażi ta' programm ta' ħidma annwali li jelenka suġġetti speċifiċi li jeħtieġu attenzjoni mill-perspettiva tas-semplifikazzjoni u t-tnaqqis ta' spejjeż bla bżonn.

## **RegHub 2.0**

In-[Network ta' Ċentri Reġjonali għar-Reviżjoni tal-Implimentazzjoni tal-Politika tal-UE](#) (RegHub) oriġina mir-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tat-[Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti"](#) u ġie stabbilit bħala proġett pilota ta' sentejn minn Deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) f'Ottubru 2018.

F'Ottubru 2020, il-KtR approva t-tkomplija ta' dan il-proġett fil-forma tar-RegHub 2.0 u laqa' membri ġodda, u b'hekk żied in-network għal 46<sup>30</sup>. Ir-rispons tar-RegHub dwar l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-livell lokali u reġjonali jirrifletti s-sussidjarjetà (proporzjonalità u differiment) fis-sistema ta' governanza f'diversi livelli tal-UE. Dan huwa relatat direttament mal-kunċetti tas-sussidjarjetà, tas-sussidjarjetà attiva u tal-governanza f'diversi livelli, kif ukoll mal-perċezzjonijiet dwar il-kapaċità tar-RegHub li jikkontribwixxi għal integrazzjoni aħjar tal-fehmiet u l-esperjenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE.

L-**għanijiet ewlenin tar-RegHub** huma dawn li ġejjin:

- ✓ jipprovdi feedback dwar l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-livell lokali u reġjonali;
- ✓ jiżgura involviment aħjar tal-atturi lokali u reġjonali fi stadju bikri fit-tfassil tal-politika tal-UE;
- ✓ jiffoka fuq it-titjib tal-politiki eżistenti tal-UE u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell lokali u reġjonali;
- ✓ jippromovi s-semplifikazzjoni u t-tagħlim interreġjonali fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki tal-UE.

### Ċentri Reġjonali

- ✓ jaġixxu bħala punt ta' kuntatt għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet rilevanti li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE;
- ✓ jipprovdu feedback dwar l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-livell lokali u reġjonali.

---

<sup>30</sup> [new-reghub-2-0-members.pdf \(europa.eu\)](#)

Bħala rizzultat konkret tal-ħidma tar-RegHub, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tagħtih rwol prominenti fil-Pjattaforma Fit4Future il-ġdida tagħha u inkludietu bħala wieħed mis-sottogruppi tal-pjattaforma.

F'Settembru 2020, is-segretarjat tar-RegHub ippubblika r-[RAPPORT TA' EVALWAZZJONI tiegħu: Network ta' Ċentri Reġionali għall-UE – Analiżi tal-Implimentazzjoni tal-Politika](#) (mhux disponibbli bil-Malti).

## 6. **Konklużjonijiet u prospettiva**

Il-KtR huwa impenjat bis-sħiħ fejn jidħlu r-responsabbiltajiet ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà tiegħu skont it-Trattat ta' Lisbona u għalhekk qiegħed ikompli bl-isforzi tiegħu sabiex jiżgura li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi applikat b'mod effettiv u sabiex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kultura tas-sussidjarjetà fl-UE. Huwa jimpenja ruħu wkoll li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-*Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti"*, li jippromovu approċċ inklużiv u kostruttiv għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-UE u jenfasizzaw l-importanza tal-livelli lokali u reġionali fil-proċess tat-tfassil tal-politiki tal-UE.

F'dan ir-rigward, il-KtR għandu l-għan li jkompli l-ħidma tiegħu biex jippromovi l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji u rakkomandazzjonijiet fl-2021. Il-KtR u l-Grupp ta' Tmexxija tas-Sussidjarjetà se jkomplu jeżaminaw modi ta' sensibilizzazzjoni, titjib tal-metodi ta' ħidma u żieda fil-valur miżjud tal-qafas eżistenti tal-KtR għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà.

Peress li l-approċċ attiv tas-sussidjarjetà jitlob involviment mill-atturi rilevanti kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, il-KtR se jkompli bl-isforzi tiegħu biex jippromovi approċċ ta' sħubija, f'konformità mal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli, bejn l-atturi istituzzjonali, nazzjonali u sottonazzjonali kollha.

Bi tnejn għall-2021, il-prijoritajiet tal-KtR għall-2020-2025<sup>31</sup> jagħmluha ċara li l-Kumitat se "[j]eżamina fid-dettall l-inizjattivi ġodda tal-politika tal-UE sabiex jiżgura li dawn jinkorporaw **dimensjoni territorjali** u jissodisfaw ir-rekwiżit ta' **valur miżjud tal-UE**, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tat-**"Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li 'Nagħmlu Anqas b'Aktar Effiċjenza'**" u l-**"Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar"**;

### **PROPOSTA:**

**Il-membri tal-Bureau huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport annwali.**

---

31 [Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Il-prijoritajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-2020-2025 – Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħha](#)